MTARFA

**IL-ĦAMES LEĠISTLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 2 – IT-TLIETA 14 TA' LULJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Patrick Caruana | Accountant |
| Skużat: | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |

L-iskop ta' din il-laqgħa huwa sabiex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu għar-rapport finanzjarju għeluq is-sena 31 ta' Marzu 2009, kif ukoll l-approvazzjoni tar-rapport tal-awdituri għall-istess perjodu. Tiġi diskussa ukoll il-*Management Letter* waqt din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija. Saret korrezzjoni f'dawn il-minuti fejn il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono bi żvista tħalla barra peress li ismu ma deherx li kien preżenti għall-laqgħa.

## 2. FINANZI

2.1 L-Aġent Segretarju ppreżenta rapport tal-awdituri, ir-rapport finanzjarju annwali u l-"*Quarterly Report*" Jannar-Marzu 2009.

2.2 Is-Sur Patrick Caruana, accountant tal-Kunsill, spjega l-pożizzjoni finanzjarja fejn huwa sostna li kif jirriżulta mill-*financial accounts,* il-Kunsill kien ser ikollu *surplus* ta' €21,699 bħala bilanċ favur għas-sena korrenti. Għalhekk l-ammont akkumulat mis-snin ta' qabel ta' *retained funds* ilaħħaq għall €208,375.

2.3 L-ammont ta' flus fil-banek sa tmiem is-sena finanzjarja Marzu 2009, jammonta għal €129,791. Dan jirriżulta mill-istess *financial accounts,* fejn il-Kunsill jidher li jinsab f'pożizzjoni finanzjarja soda u sodisfaċenti.

2.4 Dwar il-*Management Letter* kien hemm xi kummenti li humiex ġustifikati mħabba l-fatt illi l-awdituri ma talbux informazzjoni biżżejjed dwarhom. Għalhekk waqt id-diskussjoni dwar il-*Management Letter* irriżulta li dwar dak li nkiteb mill-awditur li l-kuntratt tal-perit ma kienx iffirmat, dan filfatt mhux minnu u hemm kopja iffirmata fil-*file*.

2.5 Allegazzjoni oħra kienet illi ma kien inħareġ ebda avviż pubbliku sabiex tingħata *tender* għall-perit biex jagħmel pjanti għall-proġett tal-Kunsill. Din l-allegazzjoni m'hijiex korretta peress li kien deher avviż fil-gazzetti għal dan l-iskop.

2.6 Dwar il-kuntratt tal-i*street lighting*, dan baqa' għaddej peress illi inżammu l-istess rati ta' qabel u li kieku dan il-kuntratt ġie imsejjaħ mill-ġdid kien jittieħed b'rati għola.

2.7 Dwar kumment ieħor fejn l-Awtorita tad-Djar għanda tagħti refużjoni ta' €11,647 lill-Kunsill għal tiswijiet li saru fi snin ta' qabel, il-Kunsill jaf illi għandu jidħol f'taħdidiet mal-Awtorita' tad-Djar sabiex dan l-ammont jiġi imħallas lilu. Emenda magħmula b'talba tas-Sinjura [illegible] Philip Pullicino

2.8 Il-Kunsill qabel dwar il-kumment li għandu jsir inventarju tal-assi kemm interni u dawk esterni, u dawn jiġu rikonċiljati b'kategorija man-*nominal ledger* tal-Kunsill. L-accountant spjega li kien qed jaħdem fuq dan il-proġett mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li hemm *software* apposta li jorbot l-inventarju mal-*accounting system*.

2.9 Skond l-awdituri qed jinżammu flus *(cash)* għal żmien twil fis-*safe* tal-Kunsill qabel ma dawn jiġu iddepositati. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u sab illi fil-maġġoranza ma kienx hemm iktar minn €480 li jinżammu ġos-*safe* tal-Kunsill peress li ġol-Mtarfa ma hemm ebda bank fejn wieħed jista jiddeposita kuljum. Id-depositi isiru fuq bażi regolari kull ġimgħa mill-Group 4 Personnel.

2.10 Is-Sindku qal li kien sar *patching* mill-Ell's Urban Services Ltd matul l-aħħar tlett snin liema ammont jitla għal €12,459. Dan x-xogħol ġie iċċertifikat mill-perit Charles Buhagiar li kien twettaq. Il-*patching* kien sar fil-leġislatura ta' bejn l-2006 u l-2007. Reġa ġie ikkonfermat reċentament mill-istess perit Buhagiar illi ix-xogħol kien sar tajjeb (Ref. 26214). Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li dan il-kont msemmi hawn jitħallas minkejja l-fatt li għadda ż-żmien.

2.11 Ammont ta' flus li jinsab f'kont separat ieħor tal-bank jammonta għal €1,576.61. Għalkemm dan ma kienx inkluż fil-*financial statements* tal-Kunsill, dan il-kont għadu miftuħ u jirrappreżenta ħlasijiet ta' kontijiet ta' dawl u ilma sabiex jitħallsu għan-nom tar-residenti. Peress li ebda resident ma talab għal xi ħlas, dawn il-flus baqgħu fil-kont.

2.12 Dwar l-iskrivan tal-Kunsill fejn allegatament intqal mill-awditur li ma sab ebda minuti tal-Kunsill fejn l-applikant ġie intervistat, magħżul u impjegat mal-Kunsill, ma instabu ebda proċeduri dwar l-impjieg tiegħu, ebda avviżi fil-gazzetti u ebda ittra u kuntratt li tikkonferma l-impjieg tiegħu. L-awdituri jirrakomandaw li l-pożizzjoni tiġi irregolarizzata. Is-Sindku wieġeb illi meta l-impjegat imsemmi ġie ingaġġat mal-Kunsill, kollox sar skond il-liġi, tant li fil-*files* hemm id-dokumenti kollha meħtieġa dwar dan. Kienet saret sejħa mill-ETC sabiex jiġi ingaġġat skrivan tal-Kunsill, saru l-intervisti mill-istess lista mibgħuta mill-ETC u b'hekk ġie magħżul l-iskrivan preżenti.

2.13 L-accountant, is-Sur Patrick Caruana temm id-diskors tiegħu u ntlaħaq ftehim illi, kemm hu u l-Aġent Segretarju sejrin iħejju risposta tal-*Management Letter* wara li dawn il-kummenti jiġu investigati u issir il-korrezzjoni meħtieġa għall-andament tal-Kunsill b'iżjed effiċjenza u konformita mal-proċeduri finanzjarji.

2.14 Intlaħaq ftehim ukoll li l-Aġent Segretarju u l-accountant sejrin iħejju l-estimi finanzjarji għas-sena mill-1 ta' April 2009 sa 31 ta' Marzu 2010 u wara tissejjaħ il-laqgħa annwali għar-residenti biex jiġi spjegat lilhom il-*budget* għal din is-sena.

2.15 L-accountant is-Sur Patrick Caruana irtira mill-laqgħa.

## 3. GĦELUQ IL-LAQGĦA

3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex huwa joħroġ *tender* għal diversi poloz ta' *insurance coverage* peress li din se tagħlaq fl-24 ta'Awwissu 2009. Il-Kunsill qabel.

3.2 Is-Sindku ħabbar li ser ikun hemm attivita fl-24 tax-xahar u ser jitqassmu *leaflets* informattivi tad-dramm u l-programm. Dan ser jittella' mill-Imtarfa Drama Company.

3.3 Is-Sindku habbar ukoll attivita oħra li ser issir Quddiesa nhar il-25 ta' Lulju, is-Sibt fis-6.30pm mill-Kappillan fil-Parroċċa tal-Mtarfa sabiex jigi inawgurat il-ftuh tal-hames legislatura u wara issir bibita għar-residenti.

3.4 Is-Sindku talab għal volontarjat sabiex isir tagħlim dwar is-sengħa ta' kif isiru l-presepji. Għandha ssir kompetizzjoni għal żmien il-Milied ta' tpinġija bit-tema "Il-Milied" miftuħa għal kulħadd, kif ukoll *craft* u wirja tal-presepji.

3.5 Il-Kunsill qabel unanimament mal-attivitajiet imsemmijha hawn fuq.

3.6 Il-laqgħa ingħalqet fid-9.00pm

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

15 ta' Lulju 2009